MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2007

Talba Numru. 413/2007

**Maltacom p.l.c. (C22334) u skond il-verbal tas-26 ta' Novembru 2007 l-isem "Maltacom p.l.c." jigi mibdul ghal "GO p.l.c."**

**Vs**

**Carmelo Camilleri (I.D. 426950M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-8 ta' Mejju 2007, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u erbghin Liri Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm140.37), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjes.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2007, meta gew pprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u erbghin Liri Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm140.37), bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez kollha kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------